# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 538

Il-Ġimgħa, 5 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻAT:

Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA MILL-PUBBLIKU:

Neville Grech – Osservatur

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 538.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

538.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa(5p.m.) ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Horace Vella u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija rispettivi.

## 538.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

538.2.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 538.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

538.3.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li b'rabta mal-Minuti li kienu għadhom kif inqraw, informa lill-Kunsill li l-*Community Officer – Steward* Ms Marita Borġ kienet aċċettat il-post u eventwalment bdiet taħdem mal-Kunsill fl-20 ta' Ottubru, 2021.

538.3.2 Ukoll, b'rabta mal-Offerti kif ippubblika mill-Kunsill, is-Sindku informa lill-Membri preżenti li dik tar-restawr tan-Niċċa tal-Madonna tal-Patri fi Triq Qasam San Pawl, mistenni jinżamm *site meeting* fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment jiġi ffirmat il-Kuntratt u jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Stefano Sferrazzo; fir-rigward tal-Offerta għar-restawr tal-Għajn ta' Għajn Tutà, din ġiet ukoll evalwata u mistenni jintbagħat ir-Rapport fil-ġranet li ġejjin; mentri b'rabta mal-Offerta għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, din l-offerta għadha fuq is-Suq u mistennija tagħlaq fis-16 ta' Novembru, 2021.

538.3.3 Fir-rigward tat-Triq alternattiva sabiex jgħaddu minnha t-trakkijiet, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Perit Deborah Busuttil kienet ħejjiet il-pjanti u li dawn intbagħtu għall-attenzjoni tal-Ministru għal Għawdex filwaqt li ntalbet Laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din it-triq alternattiva kif proposta.

Fuq stedina tas-Sindku, il-Kunsillier Alvin Grech informa lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva Kwotazzjoni waħda mingħand kumpanija partikulari li lesta li tidħol għall-inkarigu tat-tfassil tar-rapport xjentifiku dwar l-impatt tal-inġenji kbar

ġewwa l-Lokalità ta' Ta' Kerċem u li din qiegħda titlob is-somma ta' €9860 VAT Eskluża sabiex tipprepara dan ir-Rapport.

Wara diskussjoni interessanti ġie deċiż li dan ir-Rapport għandu jiġi kummissjonat lil din il-Kumpanija minħabba li kwalunkwe talba tal-Kunsill, kemm-il darba ma tkunx sustanzjata minn Rapport Xjentifiku, ma tista' qatt tkun tgawdi l-kredibilità li jixirqilha, filwaqt li l-Kunsill għandu jibda jfittex kif jiffinanzja dan ir-Rapport fl-istess waqt li għandu jisfrutta fondi offruti speċifikament mir-Reġjun Għawdex għall-kawżi legali tal-Kunsilli Lokali bħalma hija din, kif ukoll jisħaq u jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiffinanzja dan ir-Rappart minħabba li fl-aħħar mill-aħħar dan kollu qiegħed isir biss sabiex il-Kunsill jiġġustifika l-proposta ta' triq alternattiva għat-trakkijiet li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali għax mhijiex asfaltata.

538.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Laqgħa li ntalbet mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta' Għawdex sabiex tiġi diskussa ukoll kemm din ir-rotta alternattiva kif ukoll problemi oħra fil-Lokalità inkluż il-futur tal-Għassa tal-Pulizija li tinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, u li kienet mistennija tinżamm fl-20 ta' Ottubru, 2021 ġiet posposta għal ġurnata oħra li għadha trid tingħata min-naħa tal-Pulizija u li skont l-eżitu tagħha, il-Kunsill Lokali jiddeċiedu fuq il-futur tagħha ukoll.

538.3.5 B'rabta ma inizzjattiva tal-Ministeru għal Għawdex li jinżamm restawr tal-*Telephone Booths* antiki ta' żmien l-Imperu Ingliż, is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill mhux biss kien irringrazzjahom ta' din l-inizzjattiva filwaqt li infurmahom li ġewwa l-Lokalità ta' Ta' Kerċem hawn żewġ(2) *Telephone Booths*, iżda fakkarhom ukoll li jkun jagħmel sens jekk jiġu restawrati ukoll il-*Letter Boxes* tal-istess epoka u li din il-proposta tal-aħħar qiegħda ukoll tiġi kkunsidrata mill-istess Ministeru.

538.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva *E-mail* Ċirkulari SPI/TW/8/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 14 ta' Ottubru 2021 biex tagħti gwida lill-Kunsilli Lokali dwar il-Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun jew Kunsill Lokali - Il-Kunsill innota l-kontenut.

538.3.7 Ukoll, il-Kunsill kien irċieva *E*-mail Ċirkulari 11/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 29 ta' Ottubru 2021 biex tagħti gwida lill-Kunsilli Lokali dwar il-ħruġ ta' permessi li jikkonċernaw it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet kif ukoll dwar id-depożitu jew l-użu ta' krejn jew makkinarju - Il-Kunsill innota l-kontenut.

538.3.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar *E-mail* Ċirkulari AKL 2021/109 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 25 ta' Ottubru, 2021 fejn tavża li l-Assoċjazzjoni qiegħda tanalizza d-dokument pubblikat dwar il-proposta tal-*Metro* u li ser tipprepara dokument ta' kunsultazzjoni għad-diskussjoni mal-Kunsilli Lokali –

Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din il-materja ser tiġi diskussa fil-Laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss.

538.3.9 Ukoll, il-Kunsill kien irċieva *E-mail* Ċirkulari AKL 2021/103 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 6 ta' Ottubru, 2021 fejn tavża li għall-ewwel darba, l-AKL ser tkun qed torganizza Festin tal-Milied għat-tfal, tal-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali ta' bejn l-erba'(4) u l-għaxar(10) snin. ġewwa l-*President's Kitchen Garden* nhar it-8 ta' Diċembru fl-10:30am - Il-Kunsill innota l-kontenut.

538.3.10 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar *E-mail* Ċirkulari AKL 2021/119 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 12 ta' Novembru, 2021 fejn tavża li għal sena oħra l-AKL ser tkun qed torganizza l-Attivita' tal-Milied, għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema, nhar is-Sibt, 11 ta' Diċembru, 2021 kif ukoll tavża li qed tintalab donazzjoni ta' €20 mingħand kull minn jirreġistra sabiex dawn jingħataw donazzjoni lill-*Malta Community Chest Fund*(MCCF) f' isem dawk kollha li jattendu - Il-Kunsill innota l-kontenut.

538.3.11 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar *e-mail* mibgħuta mingħand is-Sur John Bonavia fejn tavża li d-*District Operations* flimkien mal-*Community Workers Scheme*(CWSEF) kienu rebħu l-Offerta għall-Amministrazzjoni tal-*Community Workers Scheme Foundation* u għaldaqstant kienu qed iħabbru li bħala parti minn din l-Offerta, ser ikunu qegħdin jipprovdu taħriġ lill-ħaddiema ta' din l-iSkema - Il-Kunsill innota l-kontenut.

538.3.12 Fl-aħħar u mhux l-inqas is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza separata dwar żewġ(2) pubblikazzjonijiet ġodda, wieħed ta' Dr Mario Saliba – Ħajja u Mewt il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi Żmien l-Arċirpriet Dun Martin Camilleri(1910-1921) li jiswa' €20 u ieħor ktejjeb bl-Ingliż għat-Tfal ta' Ms Melanie Azzopardi – *A Fun day with Mummy* li jiswa €4 - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li ġie deċiż li dawn il-pubblikazzjonijiet jinxtraw għal-Librerija tal-Kunsill filwaqt li dwar il-ktejjeb għat-Tfal is-Sindku pporpona li għadhom jinxtraw numru ta' kotba sabiex fil-Milied jitqassmu minn *Father Christmas* lit-Tfal tal-Lokalità . Il-Membri qabblu mal-proposta.

## 538.4 Berġa tas-Saħħa

538.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, wara li ntbagħtet korrispondenza mill-Kunsill Lokali kif maqbul fl-aħħar Laqgħa fis-sens li ġaladarba nħasset il-ħtieġa għall-użu tal-kamra ta' barra tal-istess Berġa bħalma kienet tintuża qabel għal xi laqgħat, kemm-il darba minħabba esiġenzi nazzjonali relatati biss mal-pandemija Covid-19 il-*Primary Health Care* għandhom bżonnha bil-fors aktar sakemm tinfetaħ il-Berġa tal-Belt Victoria,

il-Kunsill insista li jsir kuntratt li bih tkun determinata d-data definita sa meta ser tinżamm minnhom il-Berġa tal-Kunsill, kif ukoll talab ħlas li jkopri tal-inqas l-ispejjeż tal-kera li l-Kunsill ser ikun mistenni iħallas sabiex jikri sala oħra fil-viċin sabiex jinżammu fihom il-korisijiet tal-*Life long learning* li ssemmew aktar kmieni fil-Laqgħa, sal-lum il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta u minħabba l-urġenza kif ukoll minħabba safar, kollox jindika li mistennija tinżamm Laqgħa mas-CEO tal-*Primary Health Care* fil-ġranet li ġejjin u li skont l-eżitu jista' jagħti l-każ li tinżamm Laqgħa urġenti fil-ġranet li ġejjin.

## 538.5 Skemi Reġjonali u Dipartimentali

538.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iSkemi Reġjonali Kultura u Ambjent 2021 ġew estiżi sal-aħħar ta' Novembru, 2021 kif ukoll li r-Reġjun Għawdex kien nieda Skema ġdida oħra Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi fejn ir-Reġjun Għawdex qiegħed jalloka sa massimu ta' ħamsa u għoxrin Elf Ewro(€25,000) lil kull Kunsill.

Wara li kien hemm kliem ta' tifħir għal din l-iSkema oħra tar-Reġjun Għawdex, inżammet diskussjoni interessanti fejn ġie maqbul li dawn il-fondi jintużaw għall-Park li ser jinżamm f'Qasam San Ġorġ.

538.5.2 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva *E-mail* Ċirkulari SPI/SCI/8/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 25 ta' Ottubru 2021 fejn għal darb'oħra toffri finanzjament ta' Proġetti Kapitali għal aktar Aċċessibiltà u Mobilità.

Wara diskussjoni oħra interessanti fejn ġie rimarkat li fl-ewwel Skema simili l-Kunsill kien applika sabiex tinxtara vann tal-Komunità, fuq proposta tal-Kunsillier Frank Attard, il-Membri qablu li l-Kunsill għandu jerġa' japplika għal din l-iskema sabiex din id-darba l-bankini u l-passaġġi tal-Park ta' Qasam San Ġorġ ikun aċċessibbli mill-persuni bi bżonnijiet differenti.

538.5.3 Is-Sindku informa ukoll lill-Membri preżenti li l-Kunsill ġie infurmat mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li b'rabta mal-Applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għall-Iskema ta' Finanzjament Milied 2021, il-Bord tal-Evelwazzjoni aċċċetta t-talba għall-fondi biss qegħdin jiġu sfortunatament mogħtija biss l-ammont ta' €6,207.30ċ.

Filwaqt li ġie nnutat li l-ammont mogħti huwa ta' ftit aktar minn terz ta' dak oriġinarjament rikjest, il-Kunsill qabel li għandha tintalab kjarifika mingħand l-istess Direttorat dwar jekk il-fondi jistgħux jiġu allokati għall-Attività waħda jew aktar.

## 538.6 Attivitajiet Milied 2021

538.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li wara li nżammu numru ta' laqgħat mal-Għaqdiet kollha tal-Lokalità involuti fl-Attivitajiet marbuta mal-Milied 2021, kollox jindika li kulħaddd huwa preparat biex bħala attivitajiet ser jinżamm il-*Christmas Market* ġewwa Pjazza Orvieto, nhar l-Erbgħa, 22 ta' Diċembru, 2021, fejn filwaqt li jingħata spazzju lill-bands lokali kif ukoll lill-Aljievi żgħar u promettenti tal-Banda tal-Lokalità, l-Għaqdiet volontarji u NGO's tal-Lokalità jkollhom opportunità fejn jesponu l-ħiliet u l-prodotti tagħhom filwaqt li jbiegħu ukoll il-prodotti magħmula minnhom bħala *fund raising activity*; kif ukoll tiġi organizzata s-serata ta' kant tal-*Carols* ma' *Father Christmas* għat-tfal akkumpanjati mill-*Kercem Youth Choir* u t-tqassim tar-rigali u kant ta' *Carols* għall-anzjani u morda bit-trejn madwar il-Lokalità lejliet il-Milied.

538.6.2 Is-Sindku fakkar ukoll kif aktar kmieni fil-Laqgħa kien ġie deċiż li l-ktejjeb bl-Ingliż ta' Ms Melanie Azzopardi – *A Fun day with Mummy* li jiswa €4 għadhom jinxtraw numru ta' kotba sabiex fil-Milied jitqassmu minn *Father Christmas* lit-Tfal tal-Lokalità, kif ukoll semma' li dwar il-proġett ambjentali u ekoloġiku li jsebbaħ il-Lokalità mhux biss matul il-ġranet tal-Milied iżda ukoll matul is-sena kollha, il-Kunsill kif deċiż għadu jrid jistenna risposta min-naħa tad-Direttorat sabiex jiġi stabbilit kemm jinxtraw sigar ta' ċipress imħawwla ġewwa qsari apposta sabiex eventwalment jiġu ukoll deċiż kemm jitpoġġew u jitqassmu mal-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija armati ukoll bħal Siġar tal-Milied u li wara l-Milied, dawn is-siġar jitneħħilhom it-tiżjin tal-Milied u jibqgħu fil-post fejn ikunu tpoġġew sabiex jitgawdew u biex iħaddru l-ambjent u t-toroq tal-Lokalità matul is-sena kollha.

## 538.7 Ilmenti u Suġġerimenti

538.7.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva ilment sabiex isir *patching* f'numru ta' toroq arterjali tal-Lokalità li ġarrbu ħafna ħsarat matul il-ġranet tax-xita qalila li qiegħda tagħmel, filwaqt li għarraf lill-Kunsill li t-talba għall-*patching* lill-Ministeru għal Għawdex ilha ssir mill-ewwel xita qalila li ħakkmet il-Gżejjer Maltin fil-bidu ta' Ottubru, 2021 u qiegħda terġa' ssir wara kull xita bit-tama li dan il-*patching* tant mistenni fl-aħħar isir kif mixtieq.

538.7.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li *Transport Malta*(TM) kienet approvat il-proposta tal-Kunsill imressqa f'isem numru ta' residenti ta' Triq Pejpu sabiex jitwaħħlu tabelli u jinżebgħu sinjali *Give Way* fil-bidu ta' Triq Pejpu, kif ukoll kienet approvat Parkeġġ Riservat permanenti fi Triq Kerċem.

538.7.3 Saret talba sabiex titranga bankina fi Triq Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 538.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

535.8.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 538.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

538.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.52pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | George Refalo<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |